Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/2015

**Argus Insurance Agencies Limited gja Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Patrick Calleja u l-istess Patrick Calleja (appellati)**

**Vs**

**Jason Vassallo (appellant)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. B'decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tat-28 ta' Settembru, 2005 iddikjara li l-intimat kien responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Dicembru, 2011 bejn il-vettura BBW 684 proprjeta ta' Patrick Calleja u l-vettura GAT 906, li kien qieghed isuq l-intimat. It-Tribunal illikwida s-somma ta' €450 bhal danni dovut lir-rikorrenti, in kwantu ghal €55 lil Patrick Calleja u l-bilanc lis-socjeta rikorrenti.

2. L-intimat appella mis-sentenza. L-ilment tieghu hu li:-

   *"l-Arbitru kellu jichad it-talbiet rikorrenti u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent gialadarba jirrizulta ampjament car mill-atti processwali illi ma kienx involut fl-allegat incident tat-traffiku de quo; jsegwi ghalhekk li m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-appellati"*.

3. Ir-rikorrenti pprezentaw twegiba fejn ghamlu riferenza ghall-provi li fil-fehma taghhom kellhom iwasslu lil din il-qorti biex tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal tal-Arbitragg.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. L-intimat jippretendi li, *"(….) hija l-verzjoni moghtija mill-istess li hija l-aktar verosimili, u dan ghar-ragunijiet li ser isegwu….."*:

      - Dejjem sostna li ma laqatx il-vettura tar-rikorrenti. Fuq it-trukk ma ra l-ebda grif, daqqiet jew sinjali ohra ta' xi forma ta' mpatt.
      - Gew ezibiti ritratti tat-trukk biex jikkoraboraw dak li xehed l-intimat.
      - Ix-xhud Ermelinda Zahra ma kinitx kapaci tghid x'tip ta' vettura kienet laqtet il-vettura li kienet riekba fiha.

- Il-verzjoni ta' Janet Calleja mhijiex korraborata minn dik ta' Dr Stephanie Pappalardo li wkoll kienet passiggiera fil-vettura. Din ix-xhud lanqas ma identifikat il-vettura.
- Ghalkemm Janet Calleja qalet li kienet Dr Pappalardo li hadet in-numru tat-trukk, pero' dik ix-xhud qalet li fl-ebda hin ma rat it-trukk ghaliex kienet qeghda thares lejn Janet.
- Il-hsara li kien hemm fil-vettura ta' Calleja kien ftit grif. Dan jikkontradici l-verzjoni taghha li, *"tani daqqa kbira fuq in-naha tal-passiggier, u cioe' fuq il-genb kollu"*.

Skont l-intimat, dan kollu ghandu jwassal ghal konkluzjoni li t-tezi tar-rikorrenti ma gietx pruvata, lanqas fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet.

ii. L-apprezzament tal-provi hu f'idejn it-Tribunal tal-Arbitragg. Il-qorti ta' revizjoni ghandha tiddisturba dak l-apprezzament fejn ikun hemm xi raguni gravi.

iii. Il-qorti mhijiex tal-fehma li f'dan il-kaz ghandha ma taqbilx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal tal-Arbitragg meta tqies li mill-provi rrizulta li:

- Xi hadd fil-vettura kien ha n-numru tat-trukk li kien involut. Ghalkemm Janet Calleja qalet li kienet Dr Pappalardo, dan ma giex konfermat minn Dr Pappalardo li sahansitra qalet, *"Lit-truck li Janet ghamlet riferenza ghalih, jien fl-beda hin ma rajtu u dan peress li jien kont qed inhares lejn Janet"*. Jibqa' l-fatt li xi hadd mit-tlett persuni l-ohra li kien hemm fit-trukk hadu nota tan-numru ta' registrazzjoni tat-trukk[1]. Tant hu hekk li dakinhar stess Janet Calleja, marret minnufih taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u nfurmat lill-pulizija li, *"(.....) kienet giet* ***milquta minn trukk b'reg no. GAT-906*** *li ma waqafx fuq il-post, fejn ghalhekk giet taghmel dan ir-rapport"*.

- Irrizulta li dakinhar tal-incident, it-trukk kien f'hinijiet differenti tal-gurnata ghadda mill-istess triq fejn sehh l-incident. L-intimat xehed li kien xoghol sal-4.00 pm u, *"... jista' jaghti l-kaz illi kont ghamilt siegha overtime dakinhar"*. Fil-fatt Janet Calleja rraportat li l-incident sehh fit-3.45 pm. Fic-cirkostanzi mhuwiex verosimili li Janet Calleja vvintat numru ta' registrazzjoni ta' trukk.

- Ermelinda Zahra kienet passiggiera fil-vettura ta' Janet Calleja, ikkonfermat li ntlaqtu minn vettura ohra. Ghalkemm ma kinitx

[1] Janet Calleja xehedet li fil-vettura kien hemm ukoll Ermelinda Zahra, Dr Stephanie Pappalardo u Tessie Bonello.

kapaci tghid jekk intlaqtux minn vann jew trukk, pero qalet li l-vettura kienet kbira.

- Kemm mid-deposizzjoni ta' Ermelinda Zahra u Dr Stephanie Pappalardo jirrizulta li hekk kif sehh l-impatt, Janet Calleja qaltilhom li l-vettura ntlaqtet minn trukk. Fil-fatt irrizulta li l-vettura Toyota Vitz garrbet hsara fuq in-naha tal-passiggier.

- Hu fatt li l-hsara fil-vettura Toyota Vitz BBW 684 hi minima u jikkontrasta ma' dak li qalet Janet Calleja li, *"(….) tani daqqa kbira fuq in-naha tal-vettura tieghi fin-naha tal-passiggier……"* Pero' jibqa' l-fatt li mpatt sehh. M'hemmx prova li l-hsara fil-vettura ta' Janet Calleja saret f'xi incident iehor.

- Mir-ritratti li pprezenta l-intimat, hu evidenti l-kobor tat-trukk li kien qieghed isuq. Ghalkemm l-intimat xehed, *"Ma stajt ninnota l-ebda grif, daqqiet jew sinjali ohrajn ta' xi forma ta' mpatt"*, mill-hsara li saret fit-Toyota jidher li t-tyres tat-trukk laqtu l-vettura. Il-qorti hekk tikkonkludi mill-marki suwed li jidhru fuq il-vettura Toyota (ara ritratti AZM3 u AZM2).

- Mill-verzjoni li tat Janet Calleja jidher li kien it-trukk li ghamel manuvra ta' sorpass minn fuq il-lane ta' gewwa, u jidher li kien f'dak il-mument li sehh l-impatt. Manuvra li sabiex issir ix-xufier tat-trukk kellu qabel jaccerta ruhu li hemm bizzejjed spazju biex ighaddi minghajr ma jmiss ma' vettura ohra. F'dan ir-rigward irrizulta li t-trukk kien *left hand drive* u probabilment ix-xufier tat-trukk ikkalkola hazin. Il-qorti hekk biss tista' tispjega li sehh l-impatt. F'dan ir-rigward Ermelinda Zahra xehedet ukoll: *"Janet kienet qed issuq dritt 'il fuq. F'daqqa wahda hassejna shakjatura u l-vettura thezzet lagemba u dak il-hin Janet qalghet 'Hadni'. Din id-daqqa qlajniha fuq in-naha tieghi"*. M'hemmx prova li meta sehh l-impatt Janet Calleja kienet qeghda taghmel manuvra sabiex tidhol fil-lane ta' gewwa. Anzi Janet Calleja xehedet: *"Mhuwiex minnu li fil-hin li gara l-incident jien kont qed inbiddel il-karreggata u cioe' biex naqleb il-lane"*.

**<u>Konkluzjoni</u>** – wara li l-qorti qrat l-atti ma sabet l-ebda zball manifest fl-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal tal-Arbitragg.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-intimat.**

Anthony Ellul.